CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

L-Erbgħa, 21 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.05pm.

## 71.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija

71.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apologija

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sebgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

71.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Is-Sindku infurma lill- Kunsill li s-siġar mejtin li kienu jinsabu fi Triq Lorenzo Gafa tneħħew mill-kuntrattur wara li ngħata clearance mill-ERA u b'hekk ġiet evitata li tiġri xi traġedja. Sadanittant l-ERA issuġerew li jitwaħħlu oħrajn minflokhom u fil-ġimgħat li ġejjin ser jinġiebu xi kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

71.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li s- 36 siġra li ngħataw mis- Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali tħawwlu fi Ġnien Howard

71.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-proġett ta' l-Urban Greening ser jiġi konkluz fl-24 ta' Novembru 2018

71.3.4 Is-Sindku wera x-xewqa li ssir ħarga għall-anzjani ġewwa l-gzira ta' Għawdex nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill approva.

71.3.5 Is-Sindku talab lis- SE biex iġib tlett (3) kwotazzjonijiet għal ikla tal-Milied tar-Residenti.

71.3.6 Is- Sindku qal li hemm bzonn urġenti li d-dekorazzjonijiet tal-Milied ġewwa l-Mdina wasal iz-zmien li jinbidlu u għalhekk talab lis- Sur Paul Azzopardi biex jibgħat xi kwotazzjonijiet għal dan il-għan.

71.3.7 Is- Sindku tkellem fuq l-applikazzjoni għal zvilupp ta' lukanda ma' l-Awtorita' ta' L-Ippjanar (PA 8732/18) fit-Telgħa tas- Saqqajja.

Huwa qal li f'dan l-istadju, l-applikazzjoni qeda' għal *screening process* u li bħala Kunsill qed isegwi kull pass ta' l-istadju ta' l-applikazzjoni fejn b'konsultazzjoni mal- perit tal- Kunsill ser ikun qed jissottometti l-veduti tiegħu kif ukoll l-oġġezzjonijiet tiegħu jekk ikun il-kaz għal dan l-izvilupp. L-interess tal-Kunsill hu li jissalvagwardja l-karatteristika u l-ambjent ta'madwar l-Mdina

71.3.8 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa informali maċ-Ċermen ta' Infrastructure Malta, is-Sur Frederick Azzopardo fejn talbu li tiġi kkunsidrata li ssir restawr tal-pavimentar ġewwa l-Mdina. Is- Sur Azzopardi talbu li jsir rapport ta' l-istat tal-pavimentar biex tiġi kkunsidrata max-xogħolijiet li għandhom isiru fit-toroq ta' Malta fis- snin li ġejjin.

71.3.9 Is- Sindku talab lis- SE biex jikteb lill-Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. L-Onor. Owen Bonnici fuq l-istat ħazin li jinsab fih Għajn Hamiem u dwar il-possibilita' li jintervjeni id- Direttorat tiegħu tar- Restawr biex isiru l-interventi meħtieġa fuq din l-għajn.

**71.4 <u>Medieval Mdina</u>**

71.4.1 Is- Sindku beda biex qal li wara li din is-sena iċċelebrajna l- Għaxar (10) Anniversarju minn mindu saret l-ewwel edizzjoni tal-Medieval Mdina, wasal iz-zmien li din l-attivita' tieħu xejra pjuttost differenti min kif kien isir qabel għaliex in-nies jidher li kienu qed jiddejqu jippartеċipaw u jassistu għall-ispettakli fl-istess ambjent.

71.4.1.1 Għalhekk huwa kien qed jissuġerixxi li bħala l-ewwel ħaga li għandha issir huwa li jinbidel il-post fejn issoltu isiru l-attivitajiet u kien qed jaħseb li din tibda issir ġewwa il- Foss ta' L-Mdina li taqa' taħt ir-responsabbilta' tar- Restoration Directorate. Jekk dan iseħħ inkunu qed inbidlu l-ambjent u fl-istess ħin ma ndejqux ir-residenti ġewwa l-Mdina.F'dan ir-rigward saret laqgħa mad-direttorat u qed nistennew il-proposti tagħhom.

71.4.2 Il-Kunsill iddeċieda li jitwaqqaf sotto-kumitat biex jiddiskuti u jippjana l-avveniment li ser isir nhar l-4 u 5 ta' Mejju 2019.

**71.5 <u>Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet</u>**

**<u>Bagit 2019</u>**

71.5.1 Il-Draft Bagit għas-sena finanzjarja 2019 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spiega xi affarijiet lill-Kunsilliera kif ukoll ġew diskussi xi emendi u fil-laqgħa li jmiss ser jiġi pprezentat għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**<u>Sejħa għall-Offerti ta' Accountant u Accountant Technician MLC 02/18</u>**

71.5.2 Is- sejħa għall-offerti ta' accountant u accountant technician għalqet fil- 19 ta' Novembru 2018 u għal dan il-għan twaqqaf Bord ta' Evalwazzjoni kompost minn is- Sur Joe Debono(Ċermen) u s-Sinjuri Peter Sant Manduca, Camille Scerri u Mayann Sultana (Evalwaturi) u Mark Mallia (Segretarju)

**<u>Sejħa għall-Offerti ta' Servizz ta' Perit MLC 01/18</u>**

71.5.3 Is- sejħa għall-offerti ta' servizz ta' Perit għalqet fil- 19 ta' Novembru 2018 u għal dan il-għan twaqqaf Bord ta' Evalwazzjoni kompost minn is- Sur Joe Debono(Ċermen) u s- Sinjuri Peter Sant Manduca, Camille Scerri u Mayann Sultana (Evalwaturi) u Mark Mallia (Segretarju)

71.5.4 AKL 2018/141- Mezzi alternattivi ta' Trasport ġewwa l-lokalitajiet. Il-Kunsill Mdina mhux interessat f'dan l-istadju

71.5.5 Is-SE infurma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018 kien ser jittieħed vot mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex tiġi approvata l-installazzjoni ta' *platform lift* għal persuni b'dizabilita fi Pjazza tas- Sur. Il-Kunsill ser ikun prezenti għal dan il-vot.

71.5.6 Is- SE infurma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 15 ta' Novembru 2018 ġejn infurmati mid-Dipartiment tal-Malta Embellishment and Lanscaping Project biex isir intervent fuq is-siġar tal-prinjol li jinsabu fi Howard Gardens wara pressjoni li kienet qed issir ma' l-għola awtoritajiet tal-pajjiz mis- sidien ta' l- Open Top Buses. Bħala Kunsill tlabna li jsir rapport fuq l-istat tas-siġar u fl-20 ta' Novembru ġejn infurmati li għalkemm mhumiex ta' periklu għaliex huma saldament inwaħħla fil-ħamrija xorta għandha issir zabra tagħhom u għalhekk saret applikazzjoni ma' L-ERA għal permess għaliex huma siġar protetti u qed nistennew risposta.

71.5.7 Avviz maħrug mid- Dipartiment għal Gvern Lokali biex il-Kunsilli jimxu strettament ma' l-iskeda tal-ġbir ta' l-iskart.

71.5.8 Ċirkulari SPI 12/2018- Skema Finanzjarja Favur il-Komunita'. Il-Kunsill ser jipparteċipa f'din l-iskema.

71.5.9 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni għal installar ta' Network Cabinet li fuha jiġu miġbura l-cables kollha tal-computers u telephones fejn sa llum kienu kollha mitluqin ma' l-art li kienu ta' periklu. Il-Kunsill approva.

**71.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

71.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-21ta’ Novembru 2018, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 15,438.12

71.6.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Debono li kienet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**70.7 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-14.40pm u ġiet aġġornata għas-17 ta’ Diċembru 2018 fit-3pm

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 17-12-2018________